MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 3007/2002/1

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Josianne Zahra**

**vs**

**Caroline Bezzina**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Settembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Dicembru, 2002 fejn intqal illi fit-8 ta' Mejju 2001 Josianne

Zahra, assikurata mal-kumpanija attrici, kienet qieghda ssuq il-vettura taghha JOS 145 f' Santa Venera Bypass wara vettura ohra JAH 824 li wara rrizulta li kienet misjuqa minn Alexander Pace. F'daqqa wahda giet imbuttata b'forza kbira minn wara mill-vettura FBD 593 misjuqa mill-konvenuta u giet imbuttata fuq il-vettura JAH 824 ta' Alexander Pace.

Bhala konsegwenza tal-habta, l-kumpanija attrici kellha thallas d-danni kagunata mill-konvenuta lill-assikurata taghha d-danni li sofriet ammontanti b'kollox ghas-somma ta' disgha mija tlieta u sebghin lira Maltin tnejn u erbghin centezmu (Lm973.42c). Il-konvenuta giet interpellata biex thallas dawn id-danni b'ittra ufficjali tad-19 ta' Gunju, 2002 izda ghal ta' xejn.

Ghaldaqstant il-kumpanija attrici titlob bir-rispestt li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuta biex tallaza s-somma ta' disa mija tlieta u sebghin lira Maltin tnejn u erbghin centezmu (Lm973.42c) in linja ta' dan sburzati minnha taht il-polza bhala konsegwenza tal-kollizzjoni li grat fit-8 ta' Mejju, 2001 f'Santa Venera Bypass tort il-konvenuta bejn il-vettura JOS 145 misjuqa mill-assikurata taghha Josienne Zahra u l-vettura FBD 593 misjuqa mill-konvenuta, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-istess kollizzjoni, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija tad-19 ta' Gunju 2002 u bl-imghax tat-8% fis-sena mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuta li giet imharrka ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta pprezentata fit-28 ta' Jannar, 2002, li fiha ntqal illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Illi bla pregudizzjoni, l-fatti kif indikati fl-avviz huma kkontestati stante illi l-konvenuta hija estraneja ghall-habta li saret bejn il-vettura JOS 145 misjuqa mill-attrici u JAH 824 misjuqa minn Alexander Pace. Kien biss sussegwentement ghal din il-habta li hija giet involuta fl-

incident u dan bl-ebda tort jew negligenza minn naha taghha.

Illi d-danni huma wkoll kkontestati ;

Semgha x-xhieda ta' Joe Mula, Josianne Zahra, Alexander Pace, Paul Barberi, Caroline Bezzina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta` attrici istitwiet din il-kawza kontra l-konvenuta ghad-danni sofferti bhala rizultat ta' incident awtomobilistiku li sehh fit-8 ta' Mejju, 2001 f'Santa Venera By Pass.
2. Il-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura numru ta' registrazzjoni FBD-593, allegatament habtet fil-vettura numru ta' registrazzjoni JOS-145 misjuqa minn Josianne Zahra l-assikurata tas-socjeta` attrici, u bid-daqqa din dahlet fil-vettura numru ta' registrazzjoni JAH-824 misjuqa minn Alexander Pace li kien qed jipprecediha.
3. Il-konvenuta qed tghid li hi estranea ghall-habta li sehhet.
4. Mix-xhieda jirrizulta li Josianne Zahra kienet qed issuq f'Santa Venera By Pass b'velocita` regolari, u kien hemm hafna traffiku. Zahra kienet fil-karreggata ta' barra gejja mid-direzzjoni ta' H'Attard u sejra fid-direzzjoni tal-Belt. Kien hemm vetturi quddiemha, warajha u ma genbha. Zahra testwalment tghid hekk: "Mument minnhom jiena qlajt daqqa minn wara u bid-daqqa li qlajt gejt fuq ta' quddiemi."
5. L-attrici ma setghetx tghid kemm kienet il-boghod mill-vettura ta' quddiemha, fil-mument li sehhet il-habta fiha mill-konvenuta.
6. Jirrizulta li d-daqqa minn wara fil-vettura ta' Zahra kienet piuttost centrali u dana skond id-Dok.JM1. Id-Dok. JM2 jindika li kien hemm hsara centrali fuq quddiem meta l-attrici habtet mal-vettura ta' Pace.
7. Alexander Pace, jikkonferma li kien hemm hafna traffiku u li warajh karrozza dahlet f'ohra, u li ta' warajh wara dahlet fih. Skond Pace, l-ewwel sema' hoss ta' kollizzjoni, brejkijiet jiskiddjaw, u wara l-kollizzjoni fih.

8. Dak li qed jghidu Zahra u Pace jikkontrasta ferm ma' dak li qed tghid il-konvenuta. Il-konvenuta tinsisti li kienet Zahra li habtet f'Pace u li wara hi dahlet fl-attrici. Il-konvenuta taqbel li kien hemm hafna traffiku.

9. Mill-provi jirrizulta soddisfacentement pruvat illi kienet il-konvenuta li l-ewwel habtet fl-attrici, u dan kif korroborat mix-xhud Pace u mill-"front to rear form" esebita. Ma hemmx dubbju li kien hemm hafna traffiku u li la Pace u lanqas Zahra ma kienu ghaddejjin b'velocita`.

10. Jirrizulta li l-kawza prossima tal-kollizzjoni kien in-nuqqas ta' diligenza da parti tal-konvenuta li ma zammitx il-brake fil-hin, tant li nstema wkoll t-twerziq ta' brakes. Konsegwentement sehhet il-kollizzjoni bejn il-konvenuta u Zahra, li bid-daqqa intefghet gol-vettura ta' quddiemha.

11. Pero` kif sew spjegat mill-abbli difensur tal-konvenuta, f'nota ta' sottomissjonijiet dettaljata u akkurata, jintqal:

"Dwar il-punt il-Qorti fil-kawza Dr. Remigio Zammit Pace noe vs T. Catania et deciza fis-26 ta' Novembru, 1987 (Vol.LXXI.iii.722) qalet hekk: sewwieq li jkollu traffiku quddiemu mhux biss ghandu jzomm 'proper lookout' imma wkoll kontroll shih fuq il-vettura tieghu. A parti minn speed, kull xufier ghandu joqghod attent li jzomm distanza ragonevoli mit-traffiku ta' quddiem b'mod li f'kaz ta' waqfien f'daqqa u imprevist……tali xufier ikun fi grad li jiffrena l-vettura tieghu intempestivament."

F'dan is-sens ghandu jinghad li ma jirrizultax li Zahra kienet qed izzomm bizzejjed distanza minn ta' quddiemha, tant li bid-daqqa intefghet ghal go ta' quddiemha. F'dan is-sens ghandu jinghad li t-tribunal qed isib certu grad ta' kontributorjeta ghall-eventwali danni li garrbet l-attrici, ghalkemm principalment responsabbli ghall-incident kienet il-konvenuta.

12. Ghalhekk it-Tribunal qed jalloka tlett kwarti mir-responsabilita tal-akkadut lill-konvenuta u kwart lill-attrici.

13. Dwar id-danni riportati, dawn jirrizultaw mis-survey Dok.PB esebit u mid-Dok.JM23 sa JM8, u dana fl-ammont reklamat. Is-surveyor, Paul Barberi spjega fid-dettal (deposizzjoni a fol.33 et seq) dwar li ghalkemm ir-ritratt juri daqqa li ma kienetx kbira, fil-fatt kien hemm danni interni, tant li l-« floor panel » kien kollu "crumpled".

14. L-ammont ta’ danni kien ta’ disa’ mija u tlieta u sebghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm973.42), u peress li l-konvenuta hija responsabbli fi grad ta’ tlett kwarti ghad-danni li garrbet l-attrici, jigi li ghandha thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ seba’ mija u tletin lira Maltija u sitt centezmi (Lm730.06).

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jilqa’ t-talba attrici billi jsib lill-konvenuta responsabbli ghall-incident u eventwali danni fil-grad ta’ tlett kwarti, jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ seba’ mija u tletin lira Maltija u sitt centezmi (Lm730.06) bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall tlett kwarti mill-konvenuta u kwart mis-socjeta` attrici."

Is-socjeta` assiguratrici attrici appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha. Hi tikkontesta lit-Tribunal l-attribuzzjoni ta’ parti mit-tort ghall-incident lill-assigurata taghha. B’ aggravju iehor tikkritika dik il-parti tad-decide fejn it-Tribunal stabilixxa li l-interessi kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza invece milli mid-data ta’ l-interpellazzjoni gudizzjarja una volta hi talbet il-hlas tas-somma fissa f’ danni;

Id-dinamika ta’ l-incident li ta lok ghall-prezenti azzjoni vverifikat ruhha f’ zewg fazijiet, bl-ewwel impatt bejn il-vettura misjuqa mill-konvenuta u l-vettura ta’ l-assigurata tas-socjeta` assiguratrici appellanti. Dan l-impatt gab skontru successiv ta’ l-ahhar vettura ma’ vettura ohra misjuqa minn Alexander Pace. Minn din id-dinamika johrog necessarjament in-ness ta’ kawzalita` bejn il-manuvri reciproci u l-event dannuz. Dak li hu cert pero` hu l-fatt illi t-tieni skontru ma jistax jitqies zvinkolat mill-ewwel wiehed. Hi mill-kostruzzjoni ta’ din id-dinamika li trid tigi accertata l-htija;

Fi skontri ta' din ix-xorta ma tezistix fil-ligi taghna, bhal fil-kaz tal-Kodici Civili Taljan (Artikolu 2054) il-presunzjoni "*juris tantum*" illi "*ciascuno dei conducenti abbia concorso ugualmente a produrre il danno subito dei singoli veicoli*". Tezisti invece fis-sistema taghna l-presunzjoni ta' innocenza, cjoe ta' sewqan tajjeb, li trid tigi mwaqqa' mill-iehor. Hija wkoll presunzjoni maghrufa illi l-ahhar sewwieq fil-kolonna ta' karozzi mahbuta kien l-ewwel wiehed li kkawza l-iskontru u li ta lok ghad-dannu. Anke din il-presunzjoni pero` mhix assoluta izda biss *juris tantum* dipendenti mic-cirkostanzi tal-kaz, tant li anke il-kondotta tas-sewwieq tal-karozza milquta tigi ezaminata biex jigi stabbilit jekk dan ikkontribwiex ghall-kollizjoni u ghad-danni konsegwenzjali. Ara b' ezemplari decizjonijiet fl-ismijiet "**John Bonnici *et* -vs- Bartolomeo Gauci**", Appell Civili, 25 ta' Gunju 1984 u "**Albert Grech -vs- John Attard**", Appell, 29 ta' Ottubru 1999;

Minn dan jitnissel illi f' kaz ta' skontru minn wara dan ma jiddispensax lill-gudikant milli jivverifika l-kondotta tal-konducenti l-ohra nvoluti fil-kollizjoni ghall-iskop li jistabbilixxi jekk in rapport ghall-fatti accertati, tissussistix konkors ta' kolpa fid-determinazzjoni ta' l-event dannuz. Fi kliem iehor il-gudikant jehtieglu jezamina jekk is-sewwieq tal-vettura milquta uniformax ruhu mar-regoli tac-cirkolazzjoni tat-traffiku u dawk l-ohra tal-prudenza komuni, kif ukoll li ghamel dak kollu possibbli biex jevita l-incident. Dan kollu jiddependi mill-valutazzjoni tal-provi, senjatament l-individwazzjoni ta' dik l-ingieba kolpuza fost il-konducenti.

Dan premess, jidher minn ezami tas-sentenza appellata illi t-Tribunal hass li kellu jattribwixxi parti mit-tort lill-assikurata tas-socjeta` appellanti ghar-raguni li din ma zammetx bizzejjed distanza bazika mill-vettura li pprecedietha u li maghha ttamponat;

Issa hu veru li l-mankat rispett tad-distanza ta' sikurezza jqieghed a kariku ta' min ittampona presunzjoni *de facto*

ta’ negligenza. Tali presunzjoni tista’ pero` tigi ribattuta bi prova liberatorja sodifacenti jekk jigi demonstrat illi fic-cirkostanzi partikolari, anki jekk inzammet id-distanza okkorrenti, l-iskontru kien xorta wahda jsehh. Kull kaz ghandu l-fattispeci partikolari tieghu u wiehed ma ghandu jaccetta xejn b’ assolut;

Forsi l-kwezit l-aktar essenzjali f’ kazijiet konsimili hi r-ricerka ta’ x’ kien il-fattur li kkawza l-incident. Indubitament mill-provi attendibbli gie accertat fil-konkret illi kien is-sewqan imprudenti tal-konvenuta li ta lok ghal habta mal-vettura ta’ l-assigurata Josianne Zahra. Ifisser allura li kienet il-konvenuta li ma zammetx “*a proper look out*” u/jew ma zammetx fil-limiti tad-distanza ta’ sikurezza jew ghal xi fattur estraneju iehor li ghalih certament ma kienetx responsabbli l-assigurata tas-socjeta` assiguratrici. Dan qed jigi rilevat in kwantu din il-Qorti ssibha difficli li taccetta r-rakkont tal-konvenuta riferibilment ghall-ezistenza ta’ habta li grat quddiemha qabel ma hi dahlet bil-vettura taghha fil-vettura ta’ quddiemha u li, kif konfessat, hi lanqas kienet f’ distanza ta’ tul ta’ karozza minnha;

Bl-invers minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi l-assigurata tas-socjeta` attrici ma zammetx id-distanza permissibbli ossija “*within the limit*” tad-dawl taghha. Konsegwentement din il-Qorti ma ssibx raguni biex taddossa fuq din l-assigurata l-infrazzjoni addebitata lilha mit-Tribunal. Huwa ghall-kuntrarju indikattiv mid-dinamika ta’ l-incident illi l-vettura ta’ l-assigurata giet imbuttata ‘l quddiem u, konsiderat il-*flow* intens tat-traffiku, l-iskontru mal-vettura ta’ quddiemha kienet per konsegwenza inevitabbli. Konsiderata din ic-cirkostanza ma jistax jinghad li l-assigurata Josianne Zahra ma zammetx *a proper look out*. Konsegwentement din il-Qorti qed teskludi l-konkors ta’ kolpa da parte ta’ din is-sewwieqa ghall-event dannuz. Dan l-aggravju jimmerita li jigi milqugh;

Similment din il-Qorti qed tilqa' l-aggravju dwar l-imghaxijiet. Il-kreditu kien wiehed likwidu u cert tant li ma giex varjat bis-sentenza. Fit-termini ta' l-Artikolu 1141 (2) tal-Kodici Civili l-interessi jiddekorru minn dakinhar li ssir sejha ghall-hlas b' att gudizzjarju, kif hekk sar fil-kaz *de quo* bil-prezentata ta' l-ittra ufficcjali tad-19 ta' Gunju 2002;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost u b' hekk tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement tilqa' t-talba tas-socjeta` assiguratrici appellanti kif dedotta minnha fl-avviz promotur u b' hekk tikkundanna lill-konvenuta thallas lil din is-socjeta` s-somma ta' disa' mija tlieta u sebghin lira Maltija, tnejn u erbghin centezmu (Lm973.42,0) in linea ta' danni bl-imghaxijiet dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Gunju 2002. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------